



**UNJONI EWROPEA**

**IL-PARLAMENT EWROPEW**

**IL-KUNSILL**

**Brussell, 25 ta' Jannar 2022  
(OR. en)**

**2021/0146 (COD)  
LEX 2141**

**PE-CONS 75/1/21  
REV 1**

**UD 274  
UK 241  
WTO 260  
CODEC 1436**

**REGOLAMENT**

**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**LI JEMENDA R-REGOLAMENT (UE) 2019/216**

**FIR-RIGWARD TAL-KWOTA TARIFFARJA TAL-UNJONI**

**GĦAL-LAĦAM TAĊ-ĊANGA TA' KWALITÀ GĦOLJA MILL-PARAGWAJ**

**REGOLAMENT (UE) 2022/...**  
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tal-25 ta' Jannar 2022**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/216 fir-rigward tal-kwota tariffarja tal-Unjoni  
għal-laħam taç-çanga ta' kwalità għolja mill-Paragwaj**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>1</sup>,

---

<sup>1</sup> Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2021 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Jannar 2022.

Billi:

- (1) Wara l-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") mill-Unjoni, l-Unjoni u r-Renju Unit innotifikaw lill-Membri l-oħra tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) li l-livelli attwali tagħhom ta' aċċess għas-suq se jinżammu permezz tat-tqassim tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni bejn l-Unjoni u r-Renju Unit. Il-metodoloġija għal dak it-tqassim, kif ukoll il-volumi tal-UE-27, huma stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/216 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>.
- (2) Jenħtieġ li l-kwoti tariffarji tal-Unjoni li mhumiex parti mill-iskeda ta' konċessjonijiet u impenji ma jitqassmux.
- (3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1149/2002<sup>2</sup> fetaħ kwota tariffarja tal-importazzjoni ta' 1 000 tonnellata, espressa f'piż ta' prodott, ta' laħam taċ-ċanga ta' kwalita għolja, frisk, imkessaħ jew iffriżat. Minkejja li ma kinitx parti mill-iskeda tad-WTO tal-Unjoni, dik il-kwota tariffarja ġiet imqassma żbaljatament bir-Regolament (UE) 2019/216, u b'hekk tnaqqas il-volum tagħha bl-applikazzjoni mill-1 ta' Jannar 2021. Jenħtieġ li jerġa' jinkiseb il-volum oriġinali ta' dik il-kwota tariffarja.
- (4) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/216 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/216 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Jannar 2019 dwar it-tqassim tal-kwoti tariffarji inklużi fl-iskeda tad-WTO tal-Unjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000 (ĠU L 38, 8.2.2019, p. 1).

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1149/2002 tas-27 ta' Ġunju 2002 li jiftaħ kwota awtonoma għall-importazzjonijiet ta' laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja (ĠU L 170, 29.6.2002, p. 13).

*Artikolu 1*

Fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament (UE) 2019/216, ir-ringiela li ġejja titħassar:

Laħam ta' kwalità għolja tal-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat	t	PAR	094455	71,1 %	711
--	---	-----	--------	--------	-----

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*